

32005R0083

21.1.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 19/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 83/2005**tat-18 ta' Jannar 2005****jemenda r-Regolament (KE) Nru 2604/2000 dwar importazzjonijiet ta' tereftalat tal-poljetilene li joriġinaw *inter alia* fir-Repubblika tal-Korea u t-Tajwan**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni dwar importazzjonijiet li huma oġġetti ta' *dumping* minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea¹ (ir-“Regolament bażiku”) u b’mod partikolari l-Artikolu 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

¹ ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 461/2004 (ĠU L 77, 13.3.2004, p. 12).

Billi:

A. PROCĊEDURA

1. Miżuri fis-seħħ

- (1) Il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 2604/2000¹ (ir-“Regolament definitiv”), impona dazji *anti-dumping* definitivi fuq importazzjonijiet ta' tereftalat tal-poljetilene ("PET") li joriġinaw fl-Indja, l-Indonesja, il-Malasja, ir-Repubblika tal-Korea, it-Tajwan u t-Tajlandja.

2. Investigazzjoni preżenti

- (2) Fit-22 ta' Mejju 2003, il-Kummissjoni ħabbret, b'avviż ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea², il-bidu ta' reviżjoni interim tal-miżuri *anti-dumping* applikabbli għal importazzjonijiet fil-Komunità ta' PET li joriġinaw fir-Repubblika tal-Korea u fit-Tajwan ('pajjiżi konċernati').
- (3) Ir-reviżjoni interim nbdiat bħala riżultat ta' talba mressqa f'April 2003 mill-Assoċjazzjoni tal-Manifatturi tal-Plastik fl-Ewropa ("l-applikant") f'isem produttori li jirrappreżentaw parti kbira, f'dan il-każ 80%, tal-produzzjoni totali tal-PET fil-Komunità. It-talba kien fiha xhieda biżżejjed *prima facie* li kienu rripetew ruħhom każi ta' *dumping* u ħsara u li l-miżuri eżistenti ma kinux iktar biżżejjed biex jikkontrobattu id-*dumping* dannuż. Ix-xhieda pprovduta kienet ikkunsidrata biżżejjed biex tiġġustifika l-bidu ta' reviżjoni interim sħiħa tal-miżuri eżistenti, skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku.

¹ ĠU L 301, 30.11.2000, p. 21. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 823/2004 (ĠU 127, 29.4.2004, p. 7).

² ĠU C 120, 22.5.2003, p. 13.

- (4) Fit-30 ta' Ġunju 2004, l-applikant irtira t-talba tiegħu għar-reviżjoni interim.
- (5) Madankollu, kien ikkunsidrat li, minħabba x-xhieda disponibbli u s-sejbiet preliminari diġà miksuba waqt l-investigazzjoni, kienet mitluba biss il-kontinwazzjoni ta' l-investigazzjoni *ex officio* dwar id-*dumping*. Rigward l-aspetti l-oħra kollha ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni, instab li r-reviżjoni interim kellha tintemm wara l-irtirar tat-talba. L-approċċ kien ikkomunikat lill-partijiet kollha interessati, li ħadd minnhom ma għamel kumment.

3. Proċeduri oħrajn

- (6) Fit-22 ta' Mejju 2003, il-Kummissjoni ħabbret, b'avviż ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea¹, il-bidu ta' proċeduri *anti-dumping* rigward importazzjonijiet fil-Komunità ta' PET li joriġinaw fl-Awstralja, fil-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("PRC") u fil-Pakistan.
- (7) Bir-Regolament (KE) Nru 306/2004², il-Kummissjoni imponiet dazju *anti-dumping* provviżorju fuq importazzjonijiet ta' PET li joriġinaw fl-Awstralja, il-PRC u l-Pakistan. Bir-Regolament (KE) Nru 1467/2004³, il-Kunsill impona dazji *anti-dumping* definittivi fuq importazzjonijiet ta' PET li joriġinaw fl-Awstralja u l-PRC u temm il-proċediment ta' importazzjonijiet ta' PET li joriġinaw fil-Pakistan.

4. Partijiet interessati fl-investigazzjoni

- (8) Is-servizzi tal-Kummissjoni infurmaw uffiċjalment lill-applikant, lill-produtturi Komunitarji inklużi fl-ilment, lill-produtturi l-oħrajn Komunitarji, lill-produtturi esportaturi, lill-importaturi, lill-fornituri, lill-utenti kif ukoll lill-assoċjazzjonijiet magħrufa li kienu kkonċernati, u lir-rappreżentanti tar-Repubblika tal-Korea u tat-Tajwan bil-ftuħ ta' l-investigazzjoni. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jgħarrfu l-opinjoni tagħhom bil-miktub u li jitolbu smiġħ fil-limitu ta' żmien impost fl-avviż tal-bidu.

¹ ĠU C 120, 22.5.2003, p. 9.

² ĠU L 52, 21.2.2004, p. 5.

³ ĠU L 271, 19.8.2004, p. 1.

- (9) Il-produtturi Komunitarji rappreżentati mill-applikant, produtturi Komunitarji kooperanti oħrajn, produtturi esportaturi, importaturi, fornituri, utenti u assoċjazzjonijiet ta' l-utenti ressu l-opinjoni tagħhom. Ingħata smigħ lill-partijiet kollha interessati li talbuh.
- (10) Intbagħtu kwestjonarji lill-partijiet kollha magħrufa kkonċernati u lill-kumpanniji l-oħrajn kollha li ppreżentaw lilhom infushom fiż-żmien stabbilit fl-avviż tal-bidu. Waslu tweġibiet mingħand is-seba' produtturi Komunitarji rappreżentati mill-applikant, erba' produtturi Komunitarji oħrajn, tliet produtturi esportaturi fir-Repubblika tal-Korea, inkluża kumpannija waħda li fil-preżent mhix soġġetta għal rata ta' dazju individwali; żewġ fornituri, żewġ importaturi relatati, erba' importaturi mhux relatati u disa' utenti mhux relatati fil-Komunità.
- (11) Fl-avviż tal-bidu, kien indikat li f'din l-investigazzjoni seta' jkun applikat it-teħid ta' kampjuni. Madankollu minħabba n-numru ta' produtturi esportaturi fil-pajjiżi kkonċernati li kien jindika li r-rieda ta' kooperazzjoni tagħhom kienet inqas minn dik mistennija, kien deċiż li t-teħid ta' kampjuni ma kienx meħtieġ.
- (12) Is-servizzi tal-Kummissjoni fittxew u vverifikaw l-informazzjoni kollha meqjusa meħtieġa għall-istabbiliment ta' *dumping* u tal-ħsara riżultanti u wettqu verifiki fil-postijiet tal-kumpanniji li ġejjin:
- (a) Produtturi tal-Komunitarji
- Aussapol SpA, San Giorgio Di Nogaro (UD), l-Italja
 - Brilen SA, Zaragoza, Spanja

-
- Catalana di Polimers, Barcelona, Spanja
 - Dupont Sabanci SA, Middlesbrough, ir-Renju Unit
 - INCA International, Milano, l-Italja
 - KoSa, Frankfurt am Main, il-Ġermanja
 - M & G Finanziaria Industriale, Milan, l-Italja
 - Tergal Fibres, Gauchy, Franza
 - VPI SA, Athens, il-Greċja
 - Voridian, Rotterdam, in-Netherlands
 - Wellman PET Resins, Arnhem, in-Netherlands
- (b) Produtturi esportaturi/esportaturi fir-Repubblika tal-Korea
- Daehan Synthetic Fiber Co. Ltd, Seoul
 - SK Chemicals Co. Ltd, Seoul
 - KP Chemical Corp., Seoul
- (c) Produtturi esportaturi fit-Tajwan
- Far Eastern Textile Ltd, Taipei
 - Shinkong Synthetic Fibers Corp., Taipei
 - Hualon Corp., Taipei

(d) Importaturi relatati

- SK Networks, Seoul, Repubblika tal-Korea
- SK Global (Belgium) N.V., Antwerp, il-Belġju

(e) Importaturi mhux relatati

- Mitsubishi Chemicals, Düsseldorf, il-Ġermanja
- Helm AG, Hamburg, il-Ġermanja
- Global Services International, Milan, l-Italja
- SABIC Italia, Milan, l-Italja

(f) Fornituri Komunitarji

- Interquisa SA, Madrid, Spanja
- BP Chemicals, Sunbury-on-Thames, ir-Renju Unit

(g) Utenti Komunitarji

- Danone Waters Group, Pariġi, Franza
- Aqua Minerale San Benedetto, Scorze (VE), l-Italja
- RBC Cobelplast Mononate, Varese, l-Italja
- Nestlé Espana SA, Barcellona, Spanja

5. Perijodu ta' investigazzjoni

- (13) L-investigazzjoni dwar id-*dumping* kopriet il-perijodu mill-1 ta' April 2002 sal-31 ta' Marzu 2003 ("IP").

6. Prodott konċernat u prodott simili

6.1 Prodott konċernat

- (14) Il-prodott konċernat huwa l-istess bħal fl-investigazzjoni oriġinali, jiġifieri PET b'numru ta' viskożità ta' 78ml/g jew oġhla, skond l-Istandard ISO 1628-5 li joriġina fir-Repubblika tal-Korea u fit-Tajwan, fil-preżent klassifikabbli fl-ambitu tal-kodiċi NM 3907 60 20.

6.2 Prodott simili

- (15) Bħal fl-investigazzjoni oriġinali nstab li l-PET prodott u mibjugħ fis-suq domestiku tar-Repubblika tal-Korea u t-Tajwan u l-PET prodott u esportat lejn il-Komunità għandu l-istess karatteristiċi u użu fiżiċi u kimiċi. Għalhekk kien konkluż li t-tipi kollha ta' PET bin-numru ta' viskożità ta' 78 ml/g jew oġhla huma l-istess fl-ambitu tat-tifsira ta' l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

B. DUMPING

1. Metodoloġija ġenerali

- (16) Il-metodoloġija ġenerali indikata hawn taħt ġiet applikata għall-produtturi esportaturi kollha fir-Repubblika tal-Korea u fit-Tajwan u hija l-istess bħal dik użata fl-investigazzjoni oriġinali. Il-preżentazzjoni tas-sejbiet dwar id-*dumping* għal kull wieħed mill-pajjiżi kkonċernati għalhekk tiddeskrivi biss dak li huwa speċifiku għal kull pajjiż esportatur.

1.1. Valur normali

- (17) Biex ikun stabbilit il-valur normali, l-ewwel kien stabbilit, għal kull produttur esportatur, jekk il-bejgħ domestiku totali tiegħu tal-prodott konċernat kienx rappreżentattiv meta mqabbel mal-bejgħ ta' esportazzjoni totali tiegħu lill-Komunità. Skond l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, il-bejgħ domestiku kien ikkunsidrat rappreżentattiv meta l-volum ta' bejgħ domestiku totali ta' kull produttur esportatur kien ta' l-inqas 5% tal-volum ta' bejgħ ta' esportazzjoni totali lill-Komunità.
- (18) Sussegwentement kienu identifikati dawk it-tipi ta' PET mibjugħin domestikament mill-kumpanniji li jkollhom bejgħ domestiku rappreżentattiv totali, u li kienu identiċi jew direttament komparabbli mat-tipi mibjugħin għall-esportazzjoni lill-Komunità.
- (19) Għal kull tip mibjugħ mill-produtturi esportaturi fis-swieq domestiċi tagħhom u misjub direttament komparabbli mat-tip ta' PET mibjugħ għall-esportazzjoni lill-Komunità, kien stabbilit jekk il-bejgħ domestiku kienx rappreżentattiv biżżejjed għall-finijiet ta' l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Bejgħ domestiku ta' tip partikulari ta' PET kien ikkunsidrat rappreżentattiv biżżejjed meta l-volum ta' bejgħ domestiku totali ta' dak it-tip waqt l-IP kien jirrappreżenta 5% jew iktar tal-volum ta' bejgħ totali tat-tip PET komparabbli esportat lejn il-Komunità.

- (20) Sar ukoll eżami dwar jekk il-bejgħ domestiku ta' kull tip ta' PET setax ikun meqjus bħala li sar fil-kors ordinarju tan-negozju, billi jiġi stabbilit il-proporzjon ta' bejgħ bi qligħ lil konsumaturi indipendenti tat-tip ta' PET in kwistjoni. F'każijiet fejn il-volum ta' bejgħ ta' tip ta' PET, mibjugħ bi prezz ta' bejgħ nett ugwali għal jew ogħla mill-prezz ikkalkulat tal-produzzjoni, kien jirrappreżenta iktar minn 80% tal-volum ta' bejgħ totali ta' dak it-tip, u fejn il-prezz medju peżat ta' dak it-tip kien ugwali jew ogħla mill-prezz tal-produzzjoni, il-valur normali kien ibbażat fuq il-prezz domestiku attwali, ikkalkulat bħala medja peżata tal-prezzijiet domestiċi kollha ta' dak it-tip magħmula waqt l-IP, irrISPettivament minn jekk dan il-bejgħ kienx bi qligħ jew le. F'każijiet fejn il-volum ta' bejgħ bi qligħ tat-tip PET kien jirrappreżenta 80% jew inqas tal-volum ta' bejgħ totali ta' dak it-tip, jew fejn il-prezz medju peżat kien taħt il-prezz tal-produzzjoni, il-valur normali kien ibbażat fuq il-prezz domestiku preżenti, ikkalkulat bħala medja peżata tal-bejgħ bi qligħ ta' dak it-tip biss, sakemm il-bejgħ kien jirrappreżenta 10% jew iktar tal-volum ta' bejgħ totali ta' dak it-tip.
- (21) Instab li l-bejgħ bi qligħ tat-tipi kollha ta' PET kien jirrappreżenta 10% jew iktar tal-volum ta' bejgħ totali ta' dak it-tip.

1.2. Prezz ta' esportazzjoni

- (22) Fil-każijiet kollha fejn il-prodott konċernat kien esportat lil konsumaturi indipendenti fil-Komunità, il-prezz ta' l-esportazzjoni kien stabbilit skond l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku, jiġifieri abbażi tal-prezzijiet ta' esportazzjoni li kienu fil-fatt imħallsin jew pagabbli.

- (23) F'każijiet fejn il-bejgħ sar permezz ta' importatur relatat, il-prezz ta' esportazzjoni nbena abbażi tal-prezzijiet tal-bejgħ mill-ġdid ta' dak l-importatur relatat lil konsumaturi indipendenti. Saru aġġustamenti għall-ispejjeż kollha involuti bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid minn dak l-importatur, inklużi bejgħ, spejjeż ġenerali u amministrattivi, u marġni ta' profitt raġonevoli, skond l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. Il-marġini ta' profitt proprju kien stabbilit abbażi ta' informazzjoni pprovduta minn negozjanti/importaturi kooperanti mhux relatati li kienu joperaw fis-suq Komunitarju.

1.3. Tqabbil

- (24) Il-valur normali u l-prezzijiet ta' esportazzjoni tqabblu fuq bażi *ex-works*. Sabiex ikun assigurat tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz ta' l-esportazzjoni, saret konċessjoni f'forma ta' aġġustamenti għad-differenzi li jaffettwaw il-komparibbiltà tal-prezz skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Ingħataw aġġustamenti adatti fil-każijiet kollha fejn instabu li kienu raġonevoli, eżatti u sostnuti minn xhieda verifikata.

1.4. Marġini ta' *dumping*

- (25) Skond l-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, marġini ta' *dumping* kien ikkalkulat għal kull produttur esportatur kooperanti, bi tqabbil tal-valur normali medju peżat mal-prezz ta' l-esportazzjoni medju peżat.
- (26) Għal dawk il-pajjiżi fejn il-livell ta' kooperazzjoni nstab li kien għoli (aktar minn 80%), u fejn ma kien hemm ebda raġuni biex jitwemmen li xi produttur esportatur naqas milli jikkoopera, il-marġini ta' *dumping* residwali tqiegħed fil-livell tal-kumpannija kooperanti bl-oġġla marġini ta' *dumping* sabiex ikun assigurat l-effett tal-miżuri.

- (27) Għal dawk il-pajjiżi fejn il-livell ta' kooperazzjoni nstab li kien baxx, il-marġini ta' *dumping* residwu kien stabbilit skond l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, jiġifieri abbażi tal-fatti disponibbli.

2. Ir-Repubblika tal-Korea

- (28) Waslu tweġibiet għall-kwestjonarju mingħand tliet produtturi esportaturi, li wieħed minnhom ma kienx jesporta PET lejn il-Komunità waqt l-IP, u żewġ importaturi relatati ma' wieħed mill-produtturi esportaturi. Kien stabbilit li l-esportaturi kooperanti kienu jirrappreżentaw 100% ta' l-esportazzjonijiet Koreani tal-prodott konċernat waqt l-IP.

2.1. Valur Normali

- (29) Għat-tipi kollha ta' PET esportati mill-produtturi esportaturi Koreani, kien possibbli li jiġi stabbilit valur normali abbażi tal-prezzijiet imħallsin jew pagabbli fil-kors ordinarju ta' negozju bejn konsumaturi indipendenti fis-suq domestiku, skond l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku.

2.2. Prezz ta' esportazzjoni

- (30) Wieħed mill-produtturi esportaturi Koreani wettaq bejgħ ta' esportazzjoni lill-Komunità kemm direttament lil konsumaturi indipendenti u kemm permezz ta' importaturi relatati fil-Korea u fil-Komunità. Konsegwentement, fis-sitwazzjoni ta' l-aħħar, ġie stabbilit prezz ta' esportazzjoni mibni skond l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku.

2.3. Tqabbil

- (31) Sabiex ikun assigurat tqabbil ġust, ġew ikkunsidrati, skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, id-differenzi fil-fatturi li kienu meqjusin u ppruvati li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezz. Abbażi ta' dan, ingħataw konċessjonijiet għad-differenzi fit-trasport, l-assigurazzjoni, ħlasijiet ta' immaniġġjar, kummissjonijiet, kreditu, imballaġġ, dazji doganali u ħlasijiet bankarji.

2.4. Marġini ta' *dumping*

- (32) Kif previst bl-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, il-valuri normali medji peżati ta' kull tip tal-prodott konċernat esportat lejn il-Komunità kienu mqabblin mal-prezz ta' l-esportazzjoni medju peżat ta' kull tip korrispondenti tal-prodott konċernat.
- (33) It-tqabbil wera l-eżistenza ta' jew ebda *dumping* jew ta' *dumping de minimis* rigward it-tliet produttori esportaturi kooperanti. Il-marġini ta' *dumping* espress bħala perċentwali tal-prezz ta' importazzjoni CIF fil-fruntiera Komunitarja, bid-dazju mhux imħallas huma kif ġej
- Daehan Synthetic Fiber Co. Ltd.: 1.2%
 - SK Chemicals Co. Ltd.: 0.0%
 - KP Chemical Corp.: 0.1%
- (34) Żewġ produttori esportaturi tal-PET Koreani magħrufa li fil-preżent huma soġġetti għal rata ta' dazju individwali wrew li huma ma kienu għamlu ebda esportazzjonijiet waqt l-IP. Ebda xhieda ma kienet ipprovduta minn dawn l-esportaturi biex tindika li kienet meħtiepa valutazzjoni mill-ġdid tal-marġini ta' dazju tagħhom.

- (35) Fid-dawl tal-livell għoli ta' kooperazzjoni mill-kumpanniji Koreani (ara l-premessa (28)), id-dazju residwali kien stabbilit fil-livell tal-kumpannija kooperanti bl-ogħla marġini ta' *dumping* skond l-approċċ deskritt fil-premessa (26). Il-livell huwa l-istess bħal dak fl-investigazzjoni oriġinali.

3. It-Tajwan

- (36) Waslu tweġibiet għall-kwestjonarju mingħand erba' produttori esportaturi, li wieħed minnhom ma esportax PET lill-Komunità waqt l-IP. Kien stabbilit li l-esportaturi kooperanti kienu jirrappreżentaw inqas minn 60% ta' l-esportazzjonijiet Tajwaniżi tal-prodott konċernat waqt l-IP.

3.1. Valur normali

- (37) Għat-tipi kollha ta' PET esportati mill-produttori esportaturi Tajwaniżi, kien stabbilit valur normali abbażi tal-prezzijiet imħallsin jew pagabbli fil-kors ordinarju tan-negozju minn konsumaturi indipendenti fis-suq domestiku, skond l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku.

3.2. Prezz ta' esportazzjoni

- (38) Il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni kienu stabbiliti skond l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku, jiġifieri abbażi tal-prezzijiet ta' l-esportazzjoni fil-fatt mħallsin jew pagabbli.

3.3 Tqabbil

- (39) Sabiex ikun assigurat tqabbil ġust, kienu kkunsidrati d-differenzi fil-fatturi li kienu meqjusin u ppruvati li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezz skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Abbażi ta' dan, ingħataw konċessjonijiet għad-differenzi fit-trasport, l-assikurazzjoni, il-ħlasijiet ta' l-immaniġġjar, il-kummissjonijiet, il-kreditu, l-imballaġġ, id-dazji doganali u l-ħlasijiet bankarji.

3.4. Marġini ta' *dumping*

- (40) Kif previst fl-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, il-valuri normali medji peżati ta' kull tip tal-prodott ikkonċernat esportat lejn il-Komunità kienu mqabblin mal-prezz ta' esportazzjoni medju peżat ta' kull tip korrispondenti tal-prodott ikkonċernat.
- (41) It-tqabbil wera l-eżistenza ta' *dumping* fir-rigward ta' tnejn mill-produtturi esportaturi kooperanti. Il-marġini ta' *dumping* imfissrin bħala perċentwali tal-prezz ta' importazzjoni CIF fil-fruntiera Komunitarja, bid-dazju mhux imħallas huma kif ġej:
- Far Eastern Textile Ltd.: 0.0%
 - Shinkong Synthetic Fibers Corp.: 3.1%
 - Hualon Corp.: 9.6%
- (42) Produttur esportatur, li fil-preżent huwa soġġett għal dazju individwali, ikkoopera f'din il-proċedura avolja ma kien għamel ebda bejgħ ta' esportazzjoni lill-Komunità waqt l-IP. Abbażi ta' l-informazzjoni pprovduta, kien meqjus adatt li ma jinbidilx il-marġini ta' *dumping* preżenti tiegħu, għaliex ma kienet ppreżentata ebda informazzjoni li tindika li kienet meħtieġa valutazzjoni mill-ġdid tal-marġini tad-dazju tiegħu.
- (43) Hemm esportatur magħruf Tajwaniż tal-PET li hu preżentament soġġett għal dazju individwali, imma li ma kkooperax f'din il-proċedura. Għal dan l-esportatur kien ikkonsidrat adatt li ma jingħatax dazju individwali sabiex ma jkunx ippremjat in-nuqqas ta' kooperazzjoni tiegħu. Iktar importanti, ma kienet disponibbli l-ebda *data* li setgħet tippermetti d-determinazzjoni ta' dazju individwali.

- (44) Fid-dawl ta' dan il-fatt u l-livell baxx ta' kooperazzjoni mill-kumpanniji Tajwaniżi (ara l-premessa (36)), il-marġini ta' *dumping* residwali kien deċiż skond l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, kif indikat fil-premessa (27).
- (45) Il-marġini ta' *dumping* residwali, li kien ikkalkulat abbażi tad-*data* disponibbli mill-Eurostat u anke mingħand il-produtturi esportaturi kooperanti, imfisser bħala perċentwali tal-prezz ta' l-importazzjoni CIF fil-fruntiera Komunitarja, bid-dazju mhux imħallas huwa kif ġej:
- Tajwan: 20.1%

C. NATURA DEJJIEMA TAĊ-ĊIRKOSTANZI MIBDULIN

- (46) Skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, kien ukoll eżaminat jekk iċ-ċirkustanzi mibdulini rigward l-investigazzjoni oriġinali rigward id-*dumping* setgħux raġonevolment jitqiesu ta' natura dejjiema.

1. Ir-Repubblika tal-Korea

- (47) Għal dawk il-kumpanniji li esportaw waqt l-IP u kkooperaw ma' l-investigazzjoni, ir-reviżjoni preżenti wriet li l-marġini ta' *dumping* tagħhom jew baqa', inkella waqa', għal-livell *de minimis*. Ir-raġuni ewlenija għal dan kienet li waqt li l-valuri normali u l-prezzijiet tal-bejgħ domestiku għal dawn il-kumpanniji kienu għolew meta mqabblin mad-*data* mill-investigazzjoni oriġinali, il-prezzijiet tal-bejgħ fis-suq Komunitarju kienu għolew b'marġini ikbar. Fil-fatt li instab li l-prezzijiet tal-bejgħ lill-Komunità kienu f' medja ta' 53% ogħla waqt l-IP ta' din l-investigazzjoni meta mqabblin mal-prezzijiet ta' l-esportazzjoni misjubin waqt l-IP ta' l-investigazzjoni oriġinali. Ma nstabet ebda indikazzjoni li tissuġġerixxi li dawn il-bidliet ma kinux se jkunu ta' natura dejjiema. Ta' min wieħed jinnota wkoll li dawn il-kumpanniji kellhom utilizzazzjoni ta' kapaċità għolja, iktar minn 80% waqt l-IP. Barra minn hekk, dawn il-kumpanniji m'għandhom ebda pjan biex iżidu l-kapaċità eżistenti, u dan jirrestrinġi l-kamp ta' applikazzjoni ta' kwalunkwe bidla futura fiċ-ċirkustanzi. Huwa għalhekk ikkunsidrat li din is-sitwazzjoni, safejn tirrigwarda l-prezz u l-volum ta' l-esportazzjoni, mhux probabbli li tinbidel.

- (48) Kumpanija li ma esportax lejn il-Komunità waqt l-investigazzjoni oriġinali kkooperat u esportat il-prodott konċernat lill-Komunità waqt din l-investigazzjoni. Il-marġini ta' *dumping* għal din il-kumpanija nstab ukoll li kien *de minimis*. Il-valur normali, kif ukoll il-prezzijiet domestiċi u ta' esportazzjoni ta' din il-kumpanija nstabu li kienu fl-istess livell bħal dawk taż-żewġ esportaturi kooperanti l-oħrajn.
- (49) Għaż-żewġ produttori esportaturi kooperanti li ma esportawx lejn il-Komunità waqt l-IP, ma nstabet ebda xhieda li tiġġustifika bidla fid-dazju tagħhom kif indikat fil-premessa (34). Ta' min ifakkar ukoll li kien hemm firxa wiesgħa ta' marġini ta' *dumping* misjuba fl-investigazzjoni oriġinali (1.4% għal 55.8%), li tindika li kienu jeżistu differenzi konsiderevoli fl-imġiba ta' *dumping* tal-kumpaniji Koreani. Għal dawn ir-raġunijiet, ma jistax ikun konkluż li s-sejbiet ta' marġini ta' *dumping de minimis* għall-produtturi li esportaw lejn il-Komunità waqt l-IP kienu rappreżentattivi għal dawk l-esportaturi li ma għamlux dan. Għalhekk, għal dawn il-kumpaniji, m'hemm ebda xhieda li tissuġġerixxi li hija meħtieġa reviżjoni tad-dazji *anti-dumping* preżenti tagħhom, lanqas m'hemm xi *data* disponibbli li tippermetti li jkun ikkalkulat għalihom marġini individwali rivedut. Dawn is-sejbiet ġew esposti lill-partijiet konċernati, u l-ebda waħda m'għamlet xi kumment jew ipprovdiet xi informazzjoni addizzjonali.

2. It-Tajwan

- (50) Tlieta mill-erba' kumpanniji fit-Tajwan, preżentament soġġetti għal dazju individwali, ikkooperaw fl-investigazzjoni preżenti. Għal waħda minn dawn il-kumpanniji, l-investigazzjoni preżenti wriet li l-marġini ta' *dumping* tagħha kien waqa' għal livell *de minimis*. Għat-tieni kumpannija l-marġini ta' *dumping* waqa' minn 7.8 % fl-investigazzjoni oriġinali għal 4.6 % fl-investigazzjoni preżenti. F'konformità mas-sitwazzjoni fir-Repubblika tal-Korea, ir-raġuni ewlenija għal dan kienet li waqt li l-valuri normali u l-prezzijiet tal-bejgħ domestiku għal dawn il-kumpanniji kienu għolew meta mqabbla mad-data ta' l-investigazzjoni oriġinali, il-prezzijiet tal-bejgħ lis-suq tal-Komunità kien għola b'marġini ikbar. Għat-Tajwan, instab li l-prezzijiet ta' esportazzjoni lill-Komunità kienu f'medja ta' 42% ogħla waqt l-IP ta' din l-investigazzjoni meta mqabblin mal-prezzijiet ta' esportazzjoni misjubin waqt l-IP ta' l-investigazzjoni oriġinali. Instab ukoll għal dawn il-kumpanniji li l-utilizzazzjoni tal-kapaċità tagħhom kienet simili għal dik misjuba għall-kumpanniji fil-Korea. Huma lanqas ma kellhom xi pjaniet li jżidu l-kapaċità installata tagħhom.
- (51) It-tielet kumpannija kooperanti, attwalment soġġetta għal dazju individwali, forniet xhieda li hija ma esportatx il-prodott konċernat lill-Komunità waqt l-IP ta' din l-investigazzjoni.
- (52) Barra minn dan, waħda mill-kumpanniji fit-Tajwan li ma esportatx lejn il-Komunità waqt l-investigazzjoni oriġinali ikkooperat ukoll waqt din l-investigazzjoni. Il-marġini ta' *dumping* għal din il-kumpanija huwa ta' 10.7 %.
- (53) Għat-tliet produttori kooperanti li esportaw lejn il-Komunità waqt l-IP ta' l-investigazzjoni preżenti, m'hemm ebda raġuni biex wieħed jemma li n-natura tal-bidliet bejn l-investigazzjonijiet preżenti u oriġinali, b'mod partikolari iż-żjieda fil-prezzijiet ta' esportazzjoni lejn il-Komunità, m'humiex ta' natura dejjiema. Għalhekk, huwa kkunsidrat li l-marġini ta' *dumping* għal dawn il-kumpanniji, ikkalkulati abbażi tad-data fornuta f'din l-investigazzjoni huma ta' min jorbot fuqhom.

- (54) Għall-produttur li kkoopera imma ma esportax lejn il-Komunità waqt l-IP ta' l-investigazzjoni preżenti, m'hemm ebda xhieda li tissuġġerixxi li hija meħtieġa reviżjoni tad-dazji *anti-dumping* preżenti tiegħu. Huwa għalhekk ikkunsidrat adatt li l-marġini preżenti tiegħu ma jinbidilx. Bħal fis-sitwazzjoni għall-Korea, m'hemm l-ebda data disponibbli li tippermetti li jkun ikkalkulat marġini individwali rivedut għal din il-kumpannija. Mill-ġdid, b'mod konformi ma' l-iżvelar, il-parti kkonċernata m'għamlet ebda kumment u anqas forniet informazzjoni addizzjonali.

D. PROPOSTA GĦAL MIŻURI *ANTI-DUMPING*

- (55) Fir-rigward tal-konklużjonijiet milħuqin rigward id-*dumping* u n-natura deġġiema ta' ċirkustanzi mhux mibdulini, il-miżuri *anti-dumping* preżenti kontra importazzjonijiet tal-prodott konċernat li joriġina fir-Repubblika tal-Korea u t-Tajwan għandhom jiġu emendati biex jirriflettu l-marġini ġodda misjubin ta' *dumping*.
- (56) Il-fatt li l-prezzijiet tal-PET jistgħu jitilgħu u jinżlu skond il-flutwazzjonijiet tal-prezzijiet taż-żejt mhux raffinat, m'għandux jinvolvi dazji oġhla. Kien għalhekk ikkunsidrat adatt li d-dazji emendati għandhom ikunu mfissra f'forma ta' ammont speċifiku għal kull tunnellata. Dan l-approċċ kien segwit fl-investigazzjoni oriġinali.
- (57) Ir-rati tad-dazju *anti-dumping* tal-kumpanniji individwali kienu stabbiliti abbażi tas-sejbiet tar-reviżjoni preżenti. Għalhekk, huma jirriflettu s-sitwazzjoni misjuba waqt din ir-reviżjoni rigward dawn il-kumpanniji. Dawn ir-rati ta' dazju, opposti għad-dazju applikabbli għal "il-kumpanniji l-oħrajn kollha", huma għalhekk esklussivament applikabbli għal importazzjonijiet ta' prodotti li joriġinaw fil-pajjiż konċernat u prodotti mill-kumpanniji speċifikament imsemmijin fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament. Prodotti importati minn xi kumpannija oħra mhux speċifikament imsemmija fil-parti operattiva tar-Regolament, inkluż minn entitajiet relatati ma' daww speċifikament imsemmijin, ma jistgħux jibbenefikaw minn dawn ir-rati u jkunu soġġetti għal rati ta' dazju applikabbli għal "il-kumpanniji l-oħrajn kollha".

- (58) Id-dazji *anti-dumping* proposti għal dawk il-kumpanniji li esportaw lejn il-Komunità waqt l-IP huma kif ġej:

Pajjiż	Kumpannija	Marġini ta' <i>dumping</i>	Rata ta' dazju <i>anti-dumping</i>	Dazju propost (euro/t)
Repubblika tal-Korea	Daehan Synthetic Fiber Co. Ltd.	1.2%	0.0%	0
	SK Chemicals Co. Ltd.	0.0%	0.0%	0
	KP Chemical Corp.	0.1%	0,0%	0
Tajwan	Far Eastern Textile Ltd.	0.0%	0.0%	0
	Shinkong Synthetic Fibers Corp.	3.1%	3.1%	24.5
	Hualon Corp.	9.6%	9.6%	81.9

- (59) F'konformità mal-marġini ta' *dumping* residwali rivedut indikat fil-premessa (45), id-dazju *anti-dumping* għat-Tajwan għandu jiżdied għal 143.4 euro/tunnellata.

E. DISPOŻIZZJONI FINALI

- (60) Il-partijiet interessati kienu infurmati bil-fatti u l-konsiderazzjonijiet kollha li abbażi tagħhom kien intenzjonat li tkun proposta emenda għar-Regolament fis-seħħ. Ma ġie rċevut ebda kumment.

ADDOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. It-tabella fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 2604/2000 tiġi sostitwita bit-tabella li ġejja:

"

Pajjiż	Dazju <i>anti-dumping</i> (euro/t)	Kodiċi addizzjonali TARIC
L-Indja	181.7	A999
L-Indonesja	187.7	A999
Il-Malasja	160.1	A999
Il-Korea	148.3	A999
It-Tajwan	143.4	A999
It-Tajlandja	83.2	A999

"

2. It-tabella fl-Artikolu 1(3) tiġi sostitwita bit-tabella li ġejja:

"

Pajjiż	Kumpanija	Dazju <i>anti-dumping</i> (euro/t)	Kodiċi addizzjonali TARIC
L-Indja	Pearl Engineering Polymers Limited	130.8	A182
L-Indja	Reliance Industries Limited	181.7	A181
L-Indja	Elque Polyesters Limited	200.9	A183
L-Indja	Futura Polymers Limited	161.2	A184
L-Indonesja	P.T. Bakrie Kasei Corporation	187.7	A191
L-Indonesja	P.T. Indorama Synthetics Tbk	92.1	A192
L-Indonesja	P.T. Polypet Karyapersada	178.9	A193
Il-Malasja	Hualon Corporation (M) Sdn. Bhd.	36.0	A186
Il-Malasja	MpI Poyester Industries Sdn. Bhd.	160.1	A185
Ir-Repubblika tal-Korea	Daehan Synthetic Fiber Co., Limited	0	A194
Ir-Repubblika tal-Korea	Honam Petrochemical Corporation	101.4	A195
Ir-Repubblika tal-Korea	SK Chemicals Co., Limited	0	A196
Ir-Repubblika tal-Korea	Tongkong Corporation	148.3	A197
Ir-Repubblika tal-Korea	KP Chemical Corporation	0	A577
It-Tajwan	Far Eastern Textile Limited	0	A188
It-Tajwan	Tuntex Distinct Corporation	69.5	A198
It-Tajwan	Shingkong Synthetic Fibers Corporation	24.5	A189
It-Tajwan	Hualon Corporation	81.9	A578
It-Tajlandja	Thai Shingkong Industry Corporation Limited	83.2	A190
It-Tajlandja	Indo Pet (Thailand) Ltd	83.2	A468

"

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Jannar 2005.

Għall-Kunsill

Il-President

J.-C. JUNKER
